KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES

PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 0753

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 39 tal-31 ta' Ottubru 2022 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

____________________________

Raymond Scicluna

Skrivan tal-Kamra

**CROWD BARRIERS MADWAR IL-PARLAMENT**

**12. L-ONOR. KAROL AQUILINA JISTAQSI LILL-ISPEAKER**: Jista’ l-Ispeaker jagħti data preċiża ta’ meta ser jitneħħew il-crowd barriers li ġew impoġġija quddiem u madwar il-bini tal-Parlament?

23.10.2022

**SPEAKER (L-Onor. Anġlu Farrugia):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif is-Sedja kellha okkażjoni tesprimi diversi drabi dwar din il-materja, hija konxja kemm mir-responsabiltà li għandha fil-konfront tas-sigurtà tal-Membri Parlamentari kif ukoll fir-rigward tas-sigurtà tal-bini parlamentari, u dan ai termini tal-Artikolu 7(1)(e) tal-Att dwar is-Servizz Parlamentari, Kap. 562, u nikkwota:

> “7. (1) Il-funzjonijiet tas-Servizz huma li jagħti servizzi amministrattivi u ta’ sostenn lill-Kamra u lill-membri u kumitati tagħha, li jistgħu jinkludu:
>
> (e) il-manutenzjoni u s-sigurtà tal-bini parlamentari;”

Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet mal-Korporazzjoni għar-Riabilitazzjoni tal-Port il-Kbir (GHRC) biex tinstab l-aħjar soluzzjoni li permezz tagħha jiġu sodisfatti l-obbligi li għandha s-Sedja kif deskritt hawn, u dan bl-inqas impatt fuq l-estetika ta’ din il-binja.

Sakemm tinstab din is-soluzzjoni, is-Sedja tħossha kostretta li tibqa’ tuża l-barriers – li issa tnaqqsu b’mod konsiderevoli minn kif kienu qabel – sabiex tonora l-obbligi fuq ċitati.

Seduta 39
31.10.22